# IL-ĦANFUS TAL-QRUN TWIL

*Stephen Schembri*

Il-familja tal-ħanfus magħruf bħala tal-Qrun Twil hija waħda mill-familji mdaqqsa tal-ħanfus. Insibu aktar minn 35,000 speċi differenti mxerrdin mad-dinja kollha, l-aktar fir-reġjun tropikali, fejn numru mhux ħażin għadhom jinstabu f'dak li fadal mill-foresti tropikali. Madanakollu, fil-gżejjer Maltin din il-familja hija ferm fqira fin-numru ta' speċi. Hawn bilkemm tlaħħaq tletin tip differenti, meta nafu li fi Sqallija biss jeżistu iżjed minn mitt speċi. Ir-raġuni l-għala għandna numru hekk żgħir hija minħabba n-nuqqas ta' siġar jew injam ieħor li dawn l-insetti jinħtieġu biex joktru.

Fost dan il-ħanfus insibu s-Susa tal-Mell. Din hija twila erba' ċentimetri minn rasha sat-tarf ta' żaqqha. Ħaġa li tispikka fiha hija t-tul esaġerat tal-qrun jew antenni li jistgħu jkunu twal sa għaxar ċentimetri. Din hija waħda mill-akbar ħanfus li nsibu fil-gżejjer Maltin. Is-Susa tal-Mell tinsab kważi kulfejn hemm is-siġar tat-tuffieħ u tal-lanġas. Il-ħajja ta' din il-ħanfusa hija tipika tal-ħajja ta' l-insetti. Wara li l-mara titgħammar, tfittex siġar addattati u tbid il-bajd żgħir ġox-xquq fil-qoxra ta' dawn is-siġar. Il-mara tbid għall-ħabta ta' Mejju u Ġunju. Bejn ġimgħa u tliet ġimgħat wara, il-bajd ifaqqas. Minnu joħroġ dud li minnufih jibda jtaqqab l-injam. Dan jagħmlu billi jgerrem fl-injam għax għandu ħalqu iebes u b'saħħtu ħafna. Tant hu hekk li fil-ħemda jinstema' t-tgerrim tiegħu. Dan id-dud jiekol ħafna mill-injam tas-siġra u jħaffer toqob twal. Għalhekk jista' anki jmarrad lis-siġra. Sabiex il-firxa ta' dan il-ħanfus ma tkunx ta' ħsara għall-prodott, iridu jittieħdu l-passi meħtieġa mill-ewwel.

Id-dudu jibqa' jiekol u jikber ġmielu sa ma jsir jixbaħ lil xi ħanex oħxon iżda ta' lewn safrani jew bajdani. Matul 26 jew 28 xahar, dan id-dudu jiekol u jikber. Meta jikber kemm għandu jikber, ma jikolx aktar u għall-ħabta ta' Settembru jinbidel f'fosdqa. Wara xi ħames ġimgħat jew tmienja, l-insett adult joħroġ minn din il-fosdqa. Il-ħanfus il-ġdid jibqa' moħbi ġoz-zkuk għal xi seba' xhur oħra sa ma jimmatura kemm suppost. Dan ukoll ikollu ħalq b'saħħtu, biex ikun jista' jħaffer it-toqba li minnha joħroġ minn ġoz-zokk. Għall-ħabta ta' Mejju-Ġunju, joħroġ u jgħix għal madwar xahar. F'dan ix-xahar il-ħanfus jitgħammar, u b'hekk jagħti bidu għal ħajjiet ġodda.

Fil-gżejjer Maltin insibu speċi ta' susa oħra li tixbaħ ħafna lil tal-Mell. Din hija akbar u tinsab l-aktar fuq is-siġar tal-Ballut, iżda qiegħda ssir rari ferm .

Susa oħra li tgħix fuq is-siġar tal-ħawħ u dak tal-frott ieħor ta' l-għadma, għadha qed tiġi studjata u ma tantx nafu fuqha. Jgħixu wkoll fil-gżejjer

A. E. Baldacchino

Maltin insibu razez jew speċi ta' susa differenti. Il-biċċa l-kbira minn dawn huma twal ftit ċentimetri, iżda għalkemm relattivament kbar ħdejn insetti oħra, ma tantx aħna mitħla tagħhom u dan minħabba li jgħixu moħbija qalb iz-zkuk u s-siġar. Ma tantx huma komuni u l-aktar li jispikkaw huma meta jkunu fuq xi fjura.

L-ewwel studju sistematiku ta' din il-familja ta' ħanfus daħlu għalih il-Konti Alfredo Caruana Gatto flimkien ma' Malcolm Cameron, speċjalista famuż tal-ħanfus. Dawn fl-1907 ppubblikaw katalogu ta' l-ispeċi kollha li kienu jafu bihom. Għalkemm dan ix-xogħol issa għandu aktar minn 80 sena, għadu jifforma l-qofol ta' tagħrif li għandna fuq ħafna gruppi ta' ħanfus Malti. Xogħol aktar riċenti fuq il-ħanfus tal-qrun twil li jinstab fil-gżejjer Maltin huwa dak ta' Gianfranco Sama, espert Taljan, u l-awtur preżenti. Dan ix-xogħol għandu jiġi kkonsultat minn min jixtieq jidħol iżjed fid-dettall fuq il-Ħanfus tal-Qrun twil.



*IL-ĦANFUS TAL-QRUN TWIL – fil-gżejjer Maltin insibu madwar tletin tip differenti.*